Żewġ proġetti żviluppati f'Malta huma fost il-finalisti li qed jikkompetu fir-**raba' edizzjoni tal-Premijiet Ewropej għall-eGovernment 2009** – inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex tħeġġeġ l-innovazzjoni billi tidentifika eżempji tal-aħjar prassi bl-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni f'organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku. Din is-sena 52 finalist għall-premjijiet minn 17-il pajjiż qed jikkompetu għall-premjijiet. Ir-rebbieħa ser jiġu mħabbra fid-19 ta' Novembru waqt il-Konferenza Ministerjali dwar l-eGovernment 2009 f'Malmö (l-Iżvezja). Għall-ewwel darba l-proġetti tal-finalisti huma aċċessibbli online permezz ta' wirja virtwali.

## Il-finalisti magħżula 2009: Malta

Din is-sena minn Malta, waslu b'kollox ħames sottomissjonijiet – tnejn ġew magħżula bħala finalisti:

- ***IR Services Online*** *jipprovdi aktar trasparenza u effiċjenza għal min iħallas it-taxxa;*
- ***MEPAeAPPS*** *jgħin lil konsumaturi differenti jimmanniġġaw l-applikazzjonijiet għall-permessi ambjentali u għall-użu tal-art.*

Barra minn hekk, żewġ sottomissjonijiet Maltin ġew rikonoxxuti bħala prassi tajba.

---

### IR Services Online

*Jipprovdu servizz ta' kwalità u f'waqtu lil min iħallas it-taxxa*

*Il-kategorija 2b: eGovernment li jagħti s-setgħa lin-negozji*

IR Services Online huwa parti minn katina ta' servizzi interattivi elettroniċi online li jakkumpanjaw lill-utenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-obbligazzjonijiet tagħhom ta' Taxxi Interni. Il-benefiċjarji jvarjaw minn negozji li jissottomettu r-rifużjonijiet tat-taxxa u l-pagamenti provviżorji tat-taxxa sa taxxa mnaqqsa ta' min iħaddem u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, lill-prattikanti tat-taxxa u lin-nutara. IR Services Online żied il-kwalità tal-proċessi u t-tagħrif billi ssemplifika l-ikkomplementar u l-kontroll tar-rifużjonijiet tat-taxxa. → www.ird.gov.mt

---

### L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPAeAPPS)

*Applikazzjonijiet ambjentali u ta' ppjanar aktar effiċjenti u trasparenti*

*Il-kategorija 3: eGovernment li jippermetti effiċjenza u effikaċja amministrattiva*

Il-MEPAeAPPS ġie implimentat biex jippermetti pproċessar elettroniku sħiħ kemm tal-applikazzjonijiet għall-permessi għall-użu tal-art kif ukoll ta' dawk ambjentali u jistgħu jinkludu kull dokumentazzjoni fl-annessi, ritratti diġitali, eċċ. L-utenti jinteraġixxu mas-sistema permezz ta' infrastruttura sikura u affidabbli. Il-MEPAeAPPS jgħin lill-organizzazzjonijiet u lil gruppi ta' utenti (li jinkludu l-komunità ċivili kollha tal-arkitettura) biex jiksbu effiċjenza u komunikazzjoni aħjar filwaqt li jnaqqsu l-ispejjeż tal-ħidma.
→ www.mepa.gov.mt

European Commission
Information Society and Media

© Konsorzju tal-Premjijiet Ewropej għall-eGovernment, 2009. Stampa biss meta hemm bżonn.

**IR-RABA' EDIZZJONI TAL-PREMJIJIET EWROPEJ GĦALL-eGOVERNMENT 2009 – IL-FATTI**

- Sottomissjonijiet ta' 31 pajjiż minn 34 pajjiż eliġibbli
- Għadd totali ta' sottomissjonijiet: 259
- Għadd ta' finalisti: 52 minn 17-il pajjiż
- Għadd ta' finalisti skont il-kategoriji:
  - Il-kategorija 1: eGovernment li jappoġġa lis-Suq Uniku - 5 finalisti
  - Il-kategorija 2a: eGovernment li jagħti s-setgħa liċ-ċittadini – 18-il finalist
  - Il-kategorija 2b: eGovernment li jagħti s-setgħa lin-negozji - 6 finalisti
  - Il-kategorija 3: eGovernment li jippermetti effiċjenza u effikaċja amministrattiva - 23 finalist

**IR-RABA' EDIZZJONI TAL-PREMJIJIET EWROPEJ GĦALL-eGOVERNMENT 2009 – IL-KATEGORIJI**

- **Il-kategorija 1. eGovernment li jappoġġa lis-Suq Uniku:** tisħiħ tas-Suq Uniku permezz ta' żieda fil-mobilità għan-negozji u ċ-ċittadini fl-UE;
- **Il-kategorija 2. eGovernment li jagħti setgħa liċ-ċittadini:** titjib fl-aċċess għas-servizzi pubbliċi għaċ-ċittadini;
- **Il-kategorija 2b. eGovernment li jagħti poter lin-negozji:** titjib fl-aċċess għas-servizzi pubbliċi għall-kumpaniji, bil-ħolqien ta' opportunitajiet għan-negozju u l-ġenerazzjoni ta' opportunitajiet ta' ffrankar għan-negozji (b'mod partikulari għall-SMEs);
- **Il-kategorija 3. eGovernment li jippermetti effiċjenza u effikaċja amministrattiva:** servizzi pubbliċi u proċessi amministrattivi li jkunu aktar sempliċi u aktar effiċjenti, biex b'hekk jonqos il-piż amministrattiv.

**Premju pubbliku** apparti ser jingħata skont il-votazzjonijiet li jsiru online minn membri tal-ePractice.eu (sħubija miftuħa għal kulħadd).

## SFOND TAL-PREMJIJIET EWROPEJ GĦALL-eGOVERNMENT

L-iskop tal-Premijiet Ewropej għall-eGovernment huwa li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politika u l-istrateġiji tal-eGovernment Ewropej u jiffaċilitaw skambju ta' prassi tajba. F'dan il-kuntest, il-Premijiet ilhom, minn meta tvaraw fl-2003, jippromwovu l-aħjar soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ICT għas-servizzi pubbliċi fl-Ewropa

Il-Premijiet Ewropej għall-eGovernment jiġu organizzati kull sentejn, u jikkoinċidu ma' konferenzi Ministerjali tal-UE ta' livell għoli dwar l-eGovernment. L-għan tagħhom huwa li jimmonitorjaw il-progress u jidentifikaw prijoritajiet ta' politika u ta' riċerka għall-futur. Din is-sena il-ħames Konferenza Ministerjali dwar l-eGovernment, ”Naħdmu flimkien għall-Unjoni”, ser tkun avveniment konġunt tal-Kummissjoni Ewropea mal-Presidenza Żvediża. Ser issir fid-19 u l-20 ta' Novembru 2009 f'Malmö (L-Iżvezja). Il-Premijiet Ewropej għall-eGovernment u l-Wirja tal-Finalisti huma partijiet integrali tal-konferenza.

## WIRJA VIRTWALI

L-Esibizzjoni Virtwali tal-Premijiet Ewropej għall-eGovernment hija aċċessibbli fuq is-sit http://www.expopolis.com/

## TAGĦRIF IEĦOR

Websajt tal-Premijiet: www.epractice.eu/en/awards
Lista sħiħa tal-finalisti: www.epractice.eu/en/awards/finalists
Il-ħames Konferenza Ministerjali dwar l-eGovernment, 19-20 Nov 2009, Malmö (SE): www.egov2009.se
Mistoqsijiet tal-istampa: infso-eGov-conference-press@ec.europa.eu Tel: +32 2 299 45 31



© Konsorzju tal-Premjijiet Ewropej għall-eGovernment, 2009. Stampa biss meta hemm bżonn.



**KONSORZJU TAL-PREMIJIET EWROPEJ GĦALL-eGOVERNMENT**

- Center for European Public Administration, AT www.donau-uni.ac.at/verwaltung
- Danish Technological Institute, DK www.teknologisk.dk
- RSO S.p.A., Rome, IT www.rso.it
- P.A.U. Education, ES www.paueducation.com

© Konsorzju tal-Premjijiet Ewropej għall-eGovernment, 2009. Stampa biss meta hemm bżonn.